- *AMMISSJONI RIDUZZJONI* -

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' June 2002**

**Numru: 2**
**Citaz. numru: 42/02/RCP**

**John Camenzuli**

**vs**

**Paul u Joan konjugi Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attur a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma debituri lejn l-attur fis-somma ta' hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) *oltre* l-imghaxijiet patwiti, liema somma hija dovuta bhala import ta':-

1. Skrittura privata bejn il-partijiet datata 8 ta'

Novembru 1996, li fiha l-konvenuti ssellfu l-ammont ta' tnejn u tletin elf, u mitejn Lira Maltin (Lm32,200) li minnhom huma hallsu lura lill-attur l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf u mitejn Lira Maltin (Lm29,200), u li ghalhekk jonqos li jhallsu l-bilanc ta' tliet elef Lira Maltin (Lm3,000), skond kif jidher fuq l-iskrittura msemmija, annessa u mmarkata Dok. A1, u l-*istatements* rilevanti mmarkati Dok. A2 u A3.

2. Att pubbliku bejn il-partijiet datat 8 ta' Novembru 1996, in atti n-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, li permezz tieghu l-konvenut xtraw elfejn u hames mitt (2,500) sehem fil-kumpanija "Hi Timber Co. Ltd." ghall-prezz ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000), li minnhom huma hallsu lura tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm22,000) u li ghalhekk jonqos li jhallsu l-bilanc ta' tmient elef Lira Maltin (Lm8,000) skond kif jidher fuq il-kuntratt fuq il-kuntratt imsemmi, anness u mmarkat Dok. B1 u l-*istatements* rilevanti mmarkati Dok. B2 u B3.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dawn id-debiti, pero' baqghu inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta' l-attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi debitu.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna l-konvenuti biex ihallsu lill-attur is-somma ta' hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000), bilanc ta' somma akbar kif jirrizulta mid-dokumenti annessi kif ukoll l-imghaxijiet kif patwiti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat il-verbali tas-seduti nkluzi dawk tad-19 ta' Frar 2002; 2 ta' Mejju 2002; 23 ta' Mejju 2002 u tal-25 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tat-23 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Joseph Zammit Maempel informa lill-Qorti li sar pagament ulterjuri ta' Lm1,500 u b'hekk is-*sorte* illum huwa ridott ghas-somma ta' Lm7,500.

Rat li l-konvenut prezenti fl-awla ghan-nom taz-zewg konvenuti l-ohra ammetta t-talba kif ridotta fl-ammont

ta' Lm7,500 u pprezenta nota ta' ammissjoni f'dan is-sens iffirmata minnu.

Rat li l-partijiet prezenti fl-istess seduta jaqblu wkoll li ghandu jigi ndikat fis-sentenza li dan l-ammont ghandu jithallas b'pagamenti ta' mhux anqas minn Lm500 b'effett mill-1 ta' Lulju 2002, b'dan pero' li l-ammont intier ta' kapital u imghax ikun thallas fi zmien sena mid-data tas-sentenza, u b'dan li jekk jekk il-konvenut jonqos li jaffetwa anke wiehed mill-istess pagamenti mensili, huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu hawn patwit.

Rat li d-difensuri u l-partijiet talbu li tinghata sentenza abbazi tal-istess.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta;

**<u>II. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota pprezentata fil-25 ta' Gunju 2002 u *ai termini* tat-tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet kif verbalizzata fl-istess seduta tal-25 ta' Gunju 2002 billi **tilqa' t-talba attrici** fl-ammont kif ridott ta' Lm7,500, b'dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ridotta ta' sebat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm7,500) bilanc minn somma akbar kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mac-citazzjoni u bl-imghax legali kif patwit b'dan illi l-konvenuti ghandhom ihallsu l-istess ammont ta' *sorte* llum kanonizzat u l-imghax legali fuq l-istess permezz ta' pagamenti mensili ta' mhux anqas minn hames mitt Lira 'l wiehed b'effett mill-1 ta' Lulju 2002 b'dan pero' li l-ammont intier ta' *sorte* hawn kanonizzat u imghax relattiv ghandhom jithallsu mill-konvenuti f'terminu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza, u b'dan pero' li l-konvenuti jiddekadu *ipso iure* mill-beneficcju tat-terminu hawn lilhom moghti f'kaz ta' morozita' fil-hlas ta' anke pagament wiehed mensili kif fuq premess, jew f'kaz li l-ammont intier ma jithallasx fit-terminu ta' sena fuq pattwit.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Gunju 2002**